Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Versus**

**Miguel Falzon**
**(124783M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Miguel Falzon,** ta' 39 sena, iben John u Concetta nee' Cauchi, imwieled il-Pieta' fit-12 ta' Frar 1983, residenti 15, Summer, Flat 1, Triq is-Sibbien, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124783M.

Billi huwa akkuzat talli:

1. Fl-14 ta' Marzu 2022 ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu, fil-Convenience Store li jinsab ffi Triq Ghajn Dwieli, Paola kkommetta serq semplici ta' flixkien tax-xorb alkoholiku;

2. Bejn il-15 ta' Marzu 2022 u d-19 ta' Marzu 2022 minn *Scotts Supermarket* li jinsab fir Triq il-Mina ta' Hompesch, Haz-Zabbar ikkommetta serq semplici ta' prodotti tax-xaghar u/jew lehja tad-ditta *Remington;*

3. Bejn l-1 ta' Gunju 2022, minn *Scotts Supermarket* li jinsab fi Triq il-Mina ta' Hompesch, Haz-Zabbar ikkommetta serq semplici ta' prodott tax-xaghar u/jew tal-lehja tad-ditta *Remington* u ammont ta' pinen;

4. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas- 26 ta' Jannar 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat, kif ukoll illi l-partijiet infurmaw lil Qorti illi piena karcerarja ma' tkunx idonea fic-cirkostanzi stante illi l-imputat qed jircievi ghajnuna mill-Caritas ghal problemi tieghu relatati mad-droga.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 49, 50, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta'**

**Probation ghal perjodu ta' sena (1) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Miguel Falzon** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Antoine Ellul. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sena (1)** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat